MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 518/2002/1

**Avviz Numru 518/02 AJD**
**Alberta Fire Fighting & Security Equipment Limited**

**vs**

**Jackit Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm26.65) rapprezentanti prezz ghall-manutenzjoni ta' sistema tas-sigurta' fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta. Bl-ispejjes.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lara Lanfranco, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm26.65).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------